**Walter Camilleri**
6, "Waltrose", Triq it-Turretta, Santa Venera. SVR1370
Tel: 21 488 113

H

Lill-Onorevoli Dr. Joseph Muscat Ph.D.; M.P.
Prim Ministru ta' Malta
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta

12 ta' Ottubru 2013

**Suġġett: IL-JIEM – FESTI NAZZJONALI TA' MALTA.**

Onorevoli Prim Ministru,

1. Qed niktiblek fil-kapaċità tiegħek ta' Prim Ministru. Bħalma taf, ġa ktibtlek dwar is-suġġett fil-11 ta' Settembru 2013 fil-kapaċità tiegħek ta' Kap tal-Partit Laburista. Miż-żewġ karigi tiegħek tista' tifhem u tgħinni nwassal is-suġġeriment tiegħi fl-għola organi tal-Esekuttiv u tal-Parlament.

2. Il-punt kardinali ta' din il-korrispondenza huwa, li qed nipproponi u nirrakkomanda lill-Gvern ta' Malta, li mhux biss ikollna ż-żewġ Festi Nazzjonali tal-21 ta' Settembru u tat-13 ta' Diċembru kif ġa suġġerit mill-President ta' Malta f'Diċembru 2012, jew xi jiem oħrajn, imma wkoll nipproponi u nirrakkomanda li tiżdied it-tielet Festa Nazzjonali, dik tal-**10 ta' Frar**.

3. Daqskemm għandna biex niftakru u niftaħru biż-żewġ dati politiċi kbar u ta' mportanza storika li ġa semmejna, tant ieħor u aktar għandna għax niftakru u niftaħru mill-fond ta' qalbna bħala – Kleru u Poplu flimkien:

   A. Bil-magħmudija fi Kristu Sidna tagħna Maltin u Għawdxin permezz tal-Appostlu Missierna San Pawl.

   B. Bil-miġja providenzjali f'Malta tal-Appostlu ta' Malta Missierna San Pawl, AD 60, ossija l-Festa ta' San Pawl Nàwfragu.

4. **Nistaqsi:** Ghandniex ġrajja akbar minn din fl-istorja ta' Malta u Għawdex, li saħansitra hi reġistrata fl-**ATTI TAL-APPOSTLI TAL-KOTBA MQADDSA?** Ma ninsewx, li ċ-ċiviltà u l-kultura li ħaddanna tul is-sekli, tnisslu minn din il-ġrajja *"Pawlina"* AD 60. Għalhekk nitolbok, Onorevoli Prim Ministru, biex ġentilment tilqà u tressaq dan is-suġġeriment umli tiegħi quddiem il-Kabinett tal-Ministri tiegħek għad-diskussjoni. Napprezza mmensament li dan is-suġġett jitwassal u jkun diskuss b'attenzjoni speċjali biex tippruvaw taslu għal deċiżjoni finali posittiva. L-Appostlu Missierna San Pawl, bl-għajnuna ta' Alla jgħaqqadna aktar jistà u mhux jifridna.

5. Daqshekk biżżejjed. L-intelliġenza u l-għerf tiegħek u tal-membri tal-Kabinett tal-Ministri tiegħek huma magħrufa u apprezzati ħafna. Jidhirli li l-punt tiegħi hu ċar ħafna u ma nixtieqx noħdilkom aktar ħin. Fiduċjuż li din l-opportunità mhix se tintilef. F'każ li jkollkom bżonni fuq dan is-suġġett, jiena qiegħed għad-dispożizzjoni tagħkom.

6. Ittra simili bagħttha fis-7 ta' Ottubru 2013 lill-Kumitat "Fondazzjoni Festi Nazzjonali".

Ħajr talli smajtni u tal-koperazzjoni ġentili tiegħek.

Dejjem tiegħek,

**Walter Camilleri**
ID 827446M

12 ta' Ottubru 2013